TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 437/10

**Tania Tabone**

**vs**

**Swan Laundry & Dry Cleaning**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mija u tmenin ewro (€180), rappreżentanti prezz ta' *suit* li baghtitha għal *dry cleaning*, u wara li ġie mill-proċess ta' *dry cleaning*, id-dublett kellu s-sadid mal-keffa.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tad-ditta ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat *suit* għall-preċett tat-tifla u libsitha darba. Peress li l-għonq kellu ftit ħmieġ fuqu baghtitha għal *dry cleaning*. Wara li ġiet lura din il-libsa, d-dublett kellu s-sadid mal-keffa fejn kienet ċerta li ma kien hemm xejn ħażin meta ħaditha għal *dry cleaning*.

L-intimat da parte tiegħu ssottometta illi l-proċess tad-*dry cleaning* sar skond is-sengħa u l-ħila, u li din it-tebgħa hija tebgha antika u li ma' saritx waqt il-proċess tad-*dry cleaning*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi t-tebgħa tas-sadid hija penetrata minn quddiem għal taħt u dan juri illi t-tbajja kien ilhom hemm.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888